X'intom tgħidu?
Lq 24:17

PRIETKA TAT-TIFEL 2021

Id-Dawl ta' Ġesù Bambin

Ħuti għeżież,

Qed inħoss tferfir kbir ġo fija f'dan il-mument. Ngħidilkom is-sew, qed ninkwieta ftit, għax forsi dak li studjajt mhux se niftakru kollu. Allura nitlobkom tieħdu paċenzja bija. Hekk jew hekk, aħna mhux aħwa? Jien hekk għadni kif sejjaħtilkom: "Ħuti għeżież!" Qegħdin flimkien bħal aħwa. Aħna familja waħda. Aħna l-poplu ta' Alla.

Irrid nagħtikom aħbar ta' ferħ kbir: "Illum, fil-belt ta' David, tweldilkom Salvatur, li hu Kristu l-Mulej!" Din hija l-aħbar li semgħu r-ragħajja f'dak il-lejl kiesaħ tal-Milied. Ir-ragħajja kienu għassa mal-merħla billejl, u dehrilhom anġlu, u madwarhom idda dawl kbir. Ġara eżatt kif kien qal il-profeta dwar il-jum li fih kellu jiġi s-Salvatur: "Il-poplu li kien miexi fid-dlam, ra dawl kbir!"

Jien veru niddejjaq nimxi fid-dlam! Missieri u ommi xtrawli bħal bozoz ċkejknin biex bil-lejl juruni fejn jien miexi, għax kieku naħbat ma' xi ħaġa żgur. U, bejnietna, kieku nibża' mhux ftit!

U mur ġibna mexjin fid-dlam kollha f'daqqa. Mur ġibkom issuqu billejl mingħajr dawl fit-toroq u bid-dawl tal-karozza mitfi. Min jaf kieku kemm tibżgħu, min jaf kemm taħbtu ma' xulxin... u mbagħad min jaf kemm tgorru għal xulxin!

“Il-poplu li kien miexi fid-dlam, ra dawl kbir!” Għeżież ħuti, tgħid min hu dan il-poplu miexi fid-dlam? Ma nagħmlux mod li huwa aħna, il-Knisja ta’ Ġesù? Għax mhux l-ewwel darba li aħna, il-Knisja ta’ Ġesù, inkunu qisna mexjin fid-dlam. Mhux l-ewwel darba li nitfixklu u naqgħu fit-tajn. Mhux l-ewwel darba li naħbtu ma’ xulxin u nweġġgħu lil xulxin. Mhux l-ewwel darba li minħabba l-biża’ nispiċċaw ma mmiddu l-ebda pass.

Din is-sena, l-Isqof tagħna qed jistedinna naraw fejn aħna, u nagħmlu eżami tal-kuxjenza. Bħal Ġesù li, lid-dixxipli ta’ Għemmaws, staqsihom: “X’intom tgħidu?”

Imma biex naraw fejn aħna, għandna bżonn id-dawl. Għalhekk ġejna hawn f’dan il-lejl tal-Milied: għax għandna bżonn id-dawl! Għeżież ħuti, dan id-dawl huwa Ġesù Bambin. Għax hekk qal il-profeta: “Il-poplu li kien miexi fid-dlam, ra dawl kbir! Għax tweldilna tifel, ingħatalna iben!”

Ġesù Bambin huwa d-dawl li għandna bżonn.

Ġesù Bambin huwa d-dawl li għandna bżonn biex nimxu fit-triq iż-żgura. Xi kultant, biex ma nibqax nibża’, ikun biżżejjed li nisma’ leħen il-ġenituri tiegħi. Jekk nisimgħu lil Ġesù, il-biża’ kollu jisparixxi. Il-Kelma tiegħu hija fanal jiddi fil-mogħdija tagħna; hija bħal dawk il-bozoz ċkejknin li għandi fil-kuridur tad-dar. Kemm hu sabiħ li nisimgħu spiss lil Ġesù jkellimna!

Ġesù Bambin huwa d-dawl li għandna bżonn biex nitgħallmu nħobbu lil xulxin. Hekk jixtieq minna Ġesù: “Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien.” Jekk ikollna d-dawl tiegħu, nibdew naraw aħjar li aħna tassew aħwa, li aħna familja waħda. Nibdew naraw il-bżonnijiet tal-oħrajn. U nindunaw li min hu l-aktar ċkejken, huwa l-aktar ta’ min iħobbu. U ibqgħu żguri li fejn hemm il-paċenzja u l-imħabba, ikun hemm ukoll il-ferħ. Intom lili llejla neħħejtuli l-inkwiet kollu u mlejtuni bil-ferħ, għax ħadtu paċenzja tisimgħuni. Mela ejjew inħobbu lil xulxin.

Ġesù Bambin huwa d-dawl li għandna bżonn biex, bħala Knisja, inwettqu l-missjoni tagħna. Ġesù qalilna mmorru mad-dinja kollha, u nħabbru li "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." Ngħid għalija, ftit diffiċli ndur id-dinja kollha nxandar din l-aħbar... Imma nistgħu nibdew minn Għawdex stess: jien nibda mill-iskola, u intom ibdew mix-xogħol, mit-triq u mill-familja. Kemm hawn nies, jaħasra, li ma jafux li Alla jħobbhom ħafna! Kemm hawn nies jistennew mingħandna din l-aħbar ta' ferħ kbir!

Għeżież ħuti, f'dan il-lejl tal-Milied, tajru minn fuqkom id-dwejjaq u l-qtigħ ta' qalb. Hawn kemm hawn dlam, dan hu lejl ta' dawl kbir. Ħarsu sewwa: hemm dija kbira ħierġa mill-grotta ta' Betlehem. Ejjew immorru mar-ragħajja ħdejn il-maxtura. Ejjew nitfgħu ħarsitna lejn Ġesù Bambin, l-Iben ta' Alla li sar bniedem, id-dawl li jiddi fid-dlam. Ejjew inħalluh iberikna, u wiċċna żgur li jixgħel bil-ferħ.

Viva Ġesù Bambin!